

Brussell, 9 ta' Diċembru 2021
(OR. en)

14808/21

ENFOPOL 501
IXIM 286
JAI 1388

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	9 ta' Diċembru 2021
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13996/21 + COR 1	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tisħiħ tal-Kooperazzjoni Transfruntiera bejn il-Pulizija fil-Qasam ta' Persuni Nieqsa – <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill (9 ta' Diċembru 2021)</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tisħiħ tal-Kooperazzjoni Transfruntiera bejn il-Pulizija fil-Qasam ta' Persuni Nieqsa, approvati mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarjiet Interni) fit-3837 laqgħa tiegħu li saret fid-9 ta' Diċembru 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tisħiħ tal-Kooperazzjoni Transfruntiera bejn il-Pulizija fil-Qasam ta' Persuni Nieqsa

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li wieħed mill-objettivi ewlenin tal-Unjoni Ewropea huwa li tiżgura livell għoli ta' sigurtà għaċ-ċittadini tagħha fl-isparju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja billi tippromwovi t-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-pulizija kif stabbilit fit-**Titolu V tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea**.
2. FILWAQT LI JIKKUNSIDRA l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda (2015-2020)¹ u l-kisbiet tagħha, u JILQA' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar **Strateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà**², li tistabbilixxi azzjonijiet speċifiċi biex jiġu indirizzati bis-sħiħ il-prijoritajiet strateġiċi fid-dinja diġitali u fiżika, kif ukoll id-dimensjonijiet interni u esterni għall-perjodu 2021-2025.
3. FILWAQT LI JENFASIZZA li l-**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà Interna u s-Sħubija Ewropea tal-Pulizija**³ għandhom l-għan li jsaħħu l-funzjonament tal-isparju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u li jistabbilixxu sħubija Ewropea effettiva għas-sigurtà interna. Hemm bżonn li tittejjeb kontinwament il-governanza tal-informazzjoni u jiġi ottimizzat l-użu ta' strumenti u ftehimiet eżistenti għall-iskambju ta' informazzjoni u li jinkisbu ċerti objettivi intermedji għal sħubija Ewropea effettiva għas-sigurtà interna (2020-2025) billi:
 - jiġu applikati b'mod konsistenti u bħala prattika standard, l-istrumenti għal allerti fil-livell tal-UE rigward reati kriminali, eż. is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għal allerti dwar persuni jew oġġetti,
 - jiġi żgurat li l-oqfsa eżistenti għall-iskambju ta' informazzjoni (bħall-qafas Prüm⁴) jiġu aġġornati wkoll sabiex l-arkitettura tal-informazzjoni tal-UE tkun saħansitra aktar konformi mal-prinċipju tad-disponibbiltà.

¹ 15670/14

² 10010/20

³ 13083/20

⁴ Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI

4. FILWAQT LI JFAKKAR fid-diskussjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen (SIS/SIRENE), fejn saru diskussjonijiet importanti dwar il-modi kif l-Istati Membri jinfurmaw lil xulxin dwar persuni nieqsa⁵.
5. FILWAQT LI JTENNI li, matul l-2022, ser tkun stabbilita bażi legali aġġornata għat-tħaddim tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (**Riformulazzjoni tas-SIS**)⁶, li ssaħħa ir-regoli eżistenti, issaħħa is-sistema, tipprevedi data addizzjonali tal-allerti u tintroduċi diversi tipi ġodda ta' allerti. Ir-regoli aġġornati jippermettu, fost oħrajn, li jiddaħħlu allerti preventivi dwar tfal f'riskju li jinħatfu mill-ġenituri tagħhom, u dwar tfal jew persuni vulnerabbli li, għall-protezzjoni tagħhom stess, jeħtieġ li ma jitħallewx jivvjaġġaw.
6. FILWAQT LI JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu aġġornati s-sistemi eżistenti għall-iskambju ta' informazzjoni u data fil-qasam tas-sigurtà interna u, bit-tħabbira tal-Kummissjoni Ewropea **li taġġorna⁷ l-qafas legali ta' Prüm⁸**, jiġi eżaminat jekk dan jistax jintuża għal skambju aktar effettiv ta' informazzjoni dwar persuni nieqsa u iġsma mhux identifikati.
7. FILWAQT LI JINKORAĠĠIXXI l-użu tal-mezzi u r-riżorsi kollha disponibbli kemm jista' jkun biex tiġi stabbilita l-identità ta' iġsma mhux identifikati, irrispettivament mill-kawża u l-mod tal-mewt. Kulħadd għandu d-dritt għal isem, li jiggarrantixxi l-identità tiegħu, il-protezzjoni ta' persuntu u d-dinjità tiegħu. Ħadd ma għandu jindifen mingħajr isem.
8. FILWAQT LI JENFASIZZA l-importanza tar-rondi, l-unitajiet u l-uffiċċji tal-pulizija konġunti, iċ-ċentri ta' operazzjonijiet konġunti u l-investigazzjonijiet konġunti, billi jikkontribwixxu b'mod effettiv għaż-żamma tal-ordni pubbliku u għall-prevenzjoni u l-għieda kontra l-kriminalità, kif ukoll l-iżgurar tas-sikurezza pubblika, kif diġà previst mill-qafas legali ta' Prüm, li ser jiġi aġġornat fil-parti dwar il-kooperazzjoni operazzjonali. Il-kooperazzjoni transfruntiera bejn il-pulizija fil-livell operazzjonali fil-forma ta' azzjonijiet konġunti hija rikonoxxuta bħala metodu effettiv ħafna għat-tiftix ta' persuni nieqsa, b'mod partikolari persuni vulnerabbli.

⁵ 9017/16

⁶ Regolamenti (UE) 2018/1860, 2018/1861 u 2018/1862

⁷ Pjan Direzzjonali ta' Evalwazzjoni Kombinata/Valutazzjoni tal-Impatt tal-Bidu, ref. Ares(2020)4214748 - 11/08/2020

⁸ Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI

9. FILWAQT LI JISSOTTOLINJA l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar **Strateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal**⁹ li fiha t-tfal nieqsa huma ttrattati bħala partikolarment vulnerabbli u li tfakkar fl-importanza tal-hotline Ewropew għat-tfal nieqsa 116 000.
10. FILWAQT LI JENFASIZZA l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija tal-UE dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin¹⁰, li tipprevedi li għandha tingħata attenzjoni speċjali lit-tfal vittmi u lit-tfal friskju ta' traffikar, b'rappurtar sistematiku u allerti dwar tfal nieqsa għal identifikazzjoni bikrija, proċeduri ta' referenza mfassla apposta għat-tfal vittmi, ħatra rapida ta' tuturi u għajjnuna legali effettiva u mingħajr ħlas.
11. FILWAQT LI JIEĦU NOTA tad-definizzjoni ta' persuna nieqsa f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa¹¹ u r-regolamenti nazzjonali bħala qafas għad-definizzjoni ta' persuni nieqsa.
12. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI r-rwol importanti tal-**Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol)** bħala ċ-ċentru għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, u r-rwol tagħha fl-appoġġ u l-koordinazzjoni tal-kooperazzjoni fil-ħidma transfruntiera tal-pulizija.
13. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI r-rwol tal-**Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL)** fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-koordinazzjoni u l-appoġġ għat-taħriġ tal-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi fl-Unjoni.

⁹ 7453/21

¹⁰ COM(2021) 171 final

¹¹ Kunsill tal-Ewropa, Rakkomandazzjoni CM/Rec (2009) 12, adottata mill-Kumitat tal-Ministri fid-9 ta' Diċembru 2009: il-Kunsill tal-Ewropa jgħid li persuna nieqsa hija persuna fiżika li l-eżistenza tagħha saret inċerta, għaliex sparixxiet mingħajr traċċa u ma hemm l-ebda sinjal li hija ħajja.

14. FILWAQT LI JENFASIZZA l-ħidma tal-**Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija Kriminali (INTERPOL)** bħala pjattaforma globali għall-iskambju ta' informazzjoni u pjattaforma għall-kooperazzjoni tal-pulizija ma' pajjiżi terzi, u JIRRIKONNOXXI r-rwol importanti tagħha, l-għodod u s-servizzi tagħha rigward it-titjib tal-investigazzjonijiet li jikkonċernaw persuni nieqsa b'dimensjoni globali.
15. FILWAQT LI JIRRIKONNOXXI l-ħidma tal-**Punti Uniċi ta' Kuntatt (SPOCs)** bħala "one stop shop" għall-kooperazzjoni internazzjonali fl-infurzar tal-liġi li jinkludi l-kompetenza nazzjonali l-aktar komprensiva u huwa kapaċi jitratta l-firxa sħiħa ta' talbiet possibbli relatati mal-kooperazzjoni transfruntiera fl-infurzar tal-liġi inkluż il-każijiet ta' persuni nieqsa, u JINNOTA l-ħidma taċ-**Ċentri ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija u tad-Dwana (PCCCs)** bħala istituzzjoni importanti b'diversi funzjonijiet u kompiti fil-qasam tas-sigurtà interna u l-infurzar tal-liġi, li tikkostitwixxi għodda lokali siewja ta' kooperazzjoni transfruntiera diretta u fil-pront f'każijiet ta' persuni nieqsa.
16. FILWAQT LI JIEĦU KONT tad-diskussjonijiet fil-**Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Infurzar tal-Liġi u s-sejbiet tan-Network tiegħu ta' Esperti tal-Pulizija dwar Persuni Nieqsa (PEN-MP)** li aktar minn 300,000 persuna jiġu nieqsa kull sena fl-Unjoni Ewropea (skont id-data għall-2019), li minnhom aktar minn 100,000 huma tfal u adolexxenti. Skont id-data, 18-il pajjiż għad għandhom total ta' madwar 40,000 każ mhux riżolt ta' persuni nieqsa fir-rekords tagħhom. Barra minn hekk, skont 15-il pajjiż, hemm ukoll mill-inqas 15,000 każ ta' iġsma mhux identifikati fl-Unjoni Ewropea.
17. FILWAQT LI JAPPOĠĠA u JINKORAĠĠIXXI d-diskussjonijiet fin-**Network ta' Esperti tal-Pulizija dwar Persuni Nieqsa (PEN-MP)** dwar il-ħtieġa li jiġu żviluppati approċċi li jippermettu azzjoni aktar rapida u aktar effettiva mill-awtoritajiet kompetenti.
18. FILWAQT LI JENFASIZZA li xi tfal nieqsa huma wkoll vittmi ta' abbuż sesswali tat-tfal għalkemm il-maġġoranza l-kbira ta' abbuż u sfruttament sesswali tat-tfal iseħħu fi ħdan iċ-ċirku ta' fiduċja tagħhom. Għaldaqstant huma jsiru dejjem aktar vulnerabbli. Hemm bżonn li jsir aktar sforz biex nifhmu u nqisu aħjar il-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal fit-trattament ta' każijiet bħal dawn.

IL-KUNSILL:

19. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-implimentazzjoni b'suċċess tal-bażi legali aġġornata għat-tħaddim tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (Riformulazzjoni tas-SIS) fil-qasam tal-persuni nieqsa u tal-persuni vulnerabbli f'riskju, u JAPPELLA lill-Istati Membri, l-aġenziji tal-UE u l-partijiet ikkonċernati rilevanti l-oħra kollha biex jimplimentawha skont l-iskadenzi.

FIR-RIGWARD TAL-ISTATI MEMBRI:

20. JAGĦTI PARIR lill-Istati Membri, li għadhom ma għamlux dan, biex jikkunsidraw jistabbilixxu fil-livell nazzjonali, fejn xieraq u b'kunsiderazzjoni xierqa għar-riżorsi u l-istrutturi organizzattivi nazzjonali, unità operazzjonali ċentrali għall-persuni nieqsa, b'persunal minn uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u li jkollha aċċess għal bażi ta' data nazzjonali unika ta' persuni nieqsa u fdalijiet umani u partijiet tal-ġisem mhux identifikati.
21. JAGĦTI PARIR lill-Istati Membri biex jipprovdu appoġġ għall-funzjonament effiċjenti tal-SPOCs (b'enfasi fuq ir-rwol tal-Uffiċċji SIRENE) u/jew tal-PCCCs fit-twettiq tal-kompiti u d-dmirijiet tagħhom inkluż il-każijiet tal-persuni nieqsa.
22. JAPPELLA lill-atturi tal-EMPACT, b'mod partikolari fir-rigward tat-Traffikar tal-Bnedmin u l-Isfruttament Sesswali tat-Tfal, biex jassoċjaw lill-PEN-MP fejn rilevanti fl-abbozzar u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi li jaqgħu fil-mandat tiegħu.
23. JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri biex jużaw l-għodod u s-servizzi kollha disponibbli tal-INTERPOL, bħall-allert globali tal-pulizija għal persuni nieqsa (Avviż Isfar), sabiex jinvestigaw b'mod effiċjenti każijiet ta' persuni nieqsa b'dimensjoni globali.

FIR-RIGWARD TAL-KUMMISSJONI:

24. JITLOB lill-Kummissjoni biex tqis aktar is-suġġerimenti tal-PEN-MP meta tabbozza leġiżlazzjoni ġdida fil-qasam tal-persuni nieqsa. It-tnejn ta' atti leġiżlattivi ġodda hija bbażata fuq valutazzjonijiet tal-impatt imħejjija tajjeb.
25. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tirrifletti dwar l-elaborazzjoni ta' qafas komuni Ewropew ta' kooperazzjoni dwar l-għajbien ta' persuni (anke b'mod volontarju) meta tali għajbien ikun ta' natura inkwetanti.
26. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tikkunsidra li teżamina l-possibbiltà li tiffinanzja, mill-fondi tal-UE, proġetti maħsuba biex irawmu kooperazzjoni aktar mill-qrib fost l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi li jinvestigaw għajbien suspettuż u/jew każijiet ta' persuni nieqsa (inkluż każijiet mhux reċenti), u kooperazzjoni fost l-awtoritajiet responsabbli għat-teħid ta' deċiżjonijiet maħsuba biex jipproteġu tfal jew persuni vulnerabbli f'riskju (eż. ta' sekwestru, ħtif, traffikar, eċċ.).

FIR-RIGWARD TAL-PEN-MP:

27. JISTIEDEN lill-PEN-MP biex ikompli bl-isforzi tiegħu biex itejjeb il-kooperazzjoni tas-servizzi kompetenti tal-Istati Membri, il-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen u pajjiżi terzi (b'enfasi fuq il-Balkani tal-Punent), is-servizzi rilevanti tal-UE u l-istituzzjonijiet globali. Il-PEN-MP għandu jikkunsidra wkoll li jikkoopera ma' pajjiżi terzi oħra (bħal pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq).

28. JIEĦU NOTA tal-pjanijiet tal-PEN-MP li jistabbilixxi statut, li ser jirrappreżenta qafas ċar u preċiż, sabiex jippermetti kooperazzjoni effettiva f'konformità mal-obbligi legali (inkluż il-protezzjoni tad-data) bejn is-servizzi kompetenti u l-entitajiet pubbliċi li jistgħu jgħinu biex persuni nieqsa jinstabu malajr u b'mod effiċjenti. L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għandhom iżommu r-rwol ewlieni u jistgħu jitolbu lil partijiet ikkonċernati privati jew NGOs biex joffru appoġġ.
29. JISTIEDEN lill-PEN-MP biex ikompli jiddiskuti u jelabora l-possibbiltà li tinholq pjattaforma Ewropea fuq l-internet iddedikata għat-tixrid ta' rapporti ta' persuni nieqsa provduti mis-servizzi tal-pulizija. Din it-tip ta' pjattaforma għandha tiżgura li ma tidduplikax il-kanali eżistenti ta' skambju ta' informazzjoni, bħas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, il-qafas Prüm u l-Interpol, ma għandhiex tinkludi data operazzjonali u għandha tiżgura r-rispett għas-salvagwardji tal-protezzjoni tad-data.
30. JISTIEDEN lill-PEN-MP biex jiddiskuti l-ħolqien ta' Gwida Ewropea ta' Prattiki Tajba, li telenka l-inizjattivi nazzjonali rilevanti kollha fil-qasam tal-persuni nieqsa.

FIR-RIGWARD TAL-EUROPOL:

31. JAPPELLA lill-Europol biex tkompli tappoġġa l-investigazzjonijiet dwar persuni li huma nieqsa bħala konsegwenza ta' att kriminali li jaqa' taħt il-mandat tagħha, u JISTIEDEN lill-Europol biex tkompli tappoġġa lill-PEN-MP bl-użu tal-Pjattaforma tal-Europol għall-Esperti (EPE).

FIR-RIGWARD TAS-CEPOL:

32. JISTIEDEN lis-CEPOL biex tikkunsidra tinkludi fil-portafoll eżistenti tal-attivitajiet tagħha, kull meta jkun possibbli u rilevanti, is-suġġett tal-każijiet ta' persuni nieqsa bħala konsegwenza ta' att kriminali. Dan il-kompitu għandu jitwettaq fil-qafas tal-kontribut tal-UE għas-CEPOL, u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-PEN-MP u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra f'dan il-qasam partikolari tal-kriminalità.